FONTANA

Minuti tad-dsatax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 31 t`Ottubru 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

<u>Korrispondenza</u>

Fondazzjoni Arka qed taħdem fuq il-proġett tal-bini ta` ġnien u *playing field* fil-kumpless tagħha. Il-Fondazzjoni talbet lill-Kunsill jgħin fix-xiri ta` bankijiet biex jitwaħħlu fil-passaġġi. Kull bank hu stmat li jiswa Lm95. Il-Kunsill iddeċieda li din is-sena, fid-dawl tal-*management letter*, ma jixtrix bankijiet għall-Fondazzjoni.

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex kiteb lill-Kunsill dwar Triq ir-Repubblika. Il-Kunsill ġie nfurmat li Triq ir-Repubblika ilha magħluqa għall-vetturi tqal minn naħa ta` Pjazza Sabina għal dawn l-aħħar snin u fi Triq Sant`Ursola hemm tabella li tindika dan. Fuq suġġeriment tas-Sindku l-Kunsill qabel illi tinkiteb ittra lill-A.D.T. fejn jiġi mistoqsi jekk hemmx permess ta` din it-tabella u jekk fl-affermattiv kif ma saritx konsultazzjoni mal-Kunsill tal-Fontana.

L-Enġinier Camilleri tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-gandott fi Pjazza l-Għejjun biex tinfetaħ l-Għajn ta` Bendu u l-ilma jkun jista' jmur kollu. Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol mitlub ma jaqax taħt ir-responsabilita' tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma għaliex ma jagħmilx parti mill-ilma tax-xorb. Ġie ssuġġerit illi jiġi kkuntattjat il-Perit Anġlu Portelli sabiex jinkludi dan ix-xogħol max-xogħol tar-rikostruzzjoni ta` Triq ix-Xlendi.

It-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet żewġ korrispondenzi bis-suġġett 'Karnival ta` Għawdex 2007' u 'Skema ta` Sussidji għal Presepji - Milied 2006'. Il-Kunsill qabel illi jwaħħal dawn l-avviżi man-*notice boards*.

Is-Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza dwar il-kors tal-U3E f`Għawdex 2006-2007. Il-Kunsill qabel illi jiċċekkja mad-Dipartiment jekk hemmx anzjani li qed jattendu għall-kors għall-ewwel darba, jekk ikun il-każ il-Kunsill qabel illi jħallas il-miżata.

Il-Ministeru għar-Riżorsi ul-Infrastruttura flimkien mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ser jorganizzaw *'Clean Up the World 2006'*. Il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa permess ta` xi inizjattiva fil-lokal. Is-Sindku qal illi l-Kunsill mhux soltu jipparteċipa għaliex m`għandniex sit adegwat. Is-Sindku staqsa hemmx xi ideat f`dan ir-rigward.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għall-permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Ms. Romina Scerri mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet korrispondenza dwar l-*attendance sheet* tal-ħaddiema ta` l-*ex WSC*.

Is-Sur Oliver Bonello mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill illi mill-allokazzjoni finanzjarja tnaqqas l-ammont ta` Lm77.00,0 li jkopri l-perjodu mit-8 ta` Mejju 2006 sal-31 ta` Diċembru 2006. Dan rigward il-ftehim li hemm bejn il-Ministeru għall-Investiment u Teknoloġija ta` l-Informazzjoni u l-Kunsill Lokali dwar aċċess akbar għall-Interess Pubbliku.

Is-Sur Alfred Armeni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat verżjoni konsolidata ta` A.L. 119 ta` l-2002 kif ġiet mħejjija mit-Taqsima Legali tad-Dipartiment.

Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar il-Ħamsin Anniversarju mit-Trattat ta` Ruma (Għawdex jiċċelebra). Il-Kunsill qabel illi jipparteċipa.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 9/2006 dwar Vot unanimu favur President u Kap tad-Delegazzjoni ġdida tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 10/2006 dwar Att Vandalu fuq il-Kunsill Lokali Paola.

Inqrat Ċirkulari AKL 51/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Maria Farrugia, omm il-Kunsillier Salvatore Farrugia fil-Kunsill Lokali ta` Ħal Lija.

Inqrat Ċirkulari AKL 52/2006 dwar ittra mibgħuta lill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku datata 30 ta` Awissu 2006.

Inqrat Ċirkulari AKL 53/2006 dwar Proċeduri dwar Talbiet rigward l-Iskema ta` Saħħa għall-Ħaddiema Klerikali u Kunsillieri tal-Kunsilli Lokali 2006-2007.

Inqrat Ċirkulari AKL 54/2006 dwar Kunsill dwar il-Protezzjoni Ċivili.

Inqrat Ċirkulari AKL 55/2006 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Innocenza Galea, omm il-Kunsillier Noel Galea fil-Kunsill Lokali Mqabba.

Inqrat Ċirkulari AKL 56b/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa - Malta.

Inqrat Ċirkulari AKL 57/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa – Malta – Minuti.

Inqrat Ċirkulari AKL 58/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa – Malta – Formola għad-Delega tad-Dritt tal-Vot.

Inqrat Ċirkulari AKL 59a/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa – Malta – *Attendance Sheet* MLP Mejju 2006.

Inqrat Ċirkulari AKL 59b/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa – Malta – *Attendance Sheet* OBS Mejju 2006.

Inqrat Ċirkulari AKL 59c/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa – Malta – *Attendance Sheet* PN Mejju 2006.

Inqrat Ċirkulari AKL 62/2006 dwar Stedina mill-Awtorita' dwar it-Trasport.

Inqrat Ċirkulari AKL 63/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa – Aġenda u Programm *Draft*.

Inqrat Ċirkulari AKL 64/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki, Majjistral, il-Ġimgħa 3 u s-Sibt 4 ta` Novembru 2006 *Radisson SAS Golden Sands*, Għajn Tuffieħa – Dokumenti.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

Inqrat Memo 26/2006 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Nr. 20495/20773. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet dawn il-mistoqsijiet.
Inqrat Memo 27/2006 dwar Permessi minn Kunsilli Lokali maħruġ b`mod abbużiv.
Inqrat Memo 28/2006 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Nr. 20845. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet din il-mistoqsija.
Inqrat Memo 29/2006 dwar Mistoqsijiet Parlamentari Nr. 21405. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet din il-mistoqsija.

## Mistoqsijiet

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa illi peress li llum huwa l-aħħar tax-xahar t`Ottubru x`ser jiġri minn għada fir-rigward tal-kwistjoni tal-knis u x`ser jiġri minn Joe Mercieca jekk hux ser inaddaf jew le. Is-Sindku wieġeb illi ser jibda minn nhar it-Tnejn għaliex ma nistgħux intawlu aktar. Il-Kunsillier Apap talab lill-Kunsill jieħu ħsieb jinfurmah b`dan. Is-Sindku wieġeb illi dan ilu jaf meta ser jibda.

Il-Kunsillier Apap qal ukoll illi wieħed mill-ħaddiema, Emmanuel Debono, avviċinah u qallu illi x`ħin jitlaq Joe Mercieca l-Kunsill ineħħi lilu wkoll minn mal-Kunsill. Huwa qal illi ma kellux ċans ikellmu sabiex jgħidlu jagħmel talba bil-miktub. Is-Sindku qal illi hu tal-fehma li l-Kunsill ma jistax jirrilaxxa ħaddiema jekk ma jingħatax *replacement*. Jekk jingħata *replacement* ma jkollu l-ebda oġġezzjoni li jitlaq. Huwa żied jgħid li l-Kunsill għandu jżomm f`moħħu li ngħatajna tliet ħaddiema u għandna nagħmlu użu minnhom. Hemm Kunsilli li ma ngħatawx daqshekk ħaddiema. Il-Kunsill għandu jħares l-interess tal-lokal u staqsa jekk hemmx qbil fuq dan.

Il-Kunsillier Lorry Apap qal lis-Sindku li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kellu jmur ma Nicky Saliba sabiex jagħti *lump-sum* dwar ir-restawr tal-għajn. Huwa staqsa kemm kienet u s-Sindku wieġeb illi dan ma riedx jagħti *lump-sum* u nħadmet bis-siegħa.

Il-Kunsilliera Maria Schembri staqsiet dwar il-lampa li hemm viċin id-dar tagħha sabiex tinbidel m`oħra akbar peress li fil-preżent hemm ħafna dlam. Is-Sindku wieġeb illi l-Korporazzjoni *EneMalta* m`għandhiex lampi akbar bħalissa, u l-Enġinier infurmat li malli jkollha akbar tinbidel.

## Restawr ta` l-Għajn il-Kbira

Is-Sindku qal illi r-restawr tal-ġebel li kien hemm immermer sar minn Nicky Saliba u issa jmiss ir-restawr tal-faċċata billi titkaħħal mill-ġdid u titnaddaf, trid tinbarax in-niċċa mill-*water paint*, jekk hemm bżonn tiġi rranġata l-istatwa, jsir gwarniċ ta` l-injam minflok dak ta` l-*aluminium* u jsir fanal peress li kien hemm sparixxa żmien ilu. Dwar ir-restawr is-Sindku kellem lil Mark Bajada li kien tefa` t-*tender* u offra li jagħmel ix-xogħol bit-Lm3.50,0 is-siegħa, VAT inkluża u l-Kunsill joħroġ il-materjal. Il-Kunsill qabel illi jagħti dan ix-xogħol lil Mark Bajada. Il-ġebel li ntuża biex ġiet mirfuda l-faċċata kollha tal-Għajn waqt ir-restawr intuża biex jinbnew aktar filati fir-*retaining wall* tal-Wied tax-Xlendi li hu fil-konfini tal-Fontana.

**Fondi mill-MEPA li ser jiġu allokati għal tisbieħ u titjib fil-Fontana**

Is-Sindku spjega l-fondi li l-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ser tgħaddi lill-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-permess tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku dalwaqt joħroġ u l-latrini pubbliċi huma magħluqa għax ikkundannati għaldaqstant dawn il-fondi għandhom jintużaw għal dan il-proġett kif ukoll jiġi kkunsidrat il-*belvedere* ta` Triq ta` Mulejja. Il-Kunsilliera Lorry Apap u Anthony Cassar ma kkummentawx u l-Viċi-Sindku qal illi din għandha x`taqsam mat-*tender* tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel illi jħalli dan l-*item* pendenti sabiex jiġi diskuss f`laqgħa oħra.

**Il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku qal illi l-permess qorob biex joħroġ għaldaqstant sabiex ma jintilifx żmien aktar jaqbel illi noħorġu t-*tender* sabiex meta joħroġ il-permess inkunu nistgħu nibdew ix-xogħol fuq is-sala tal-komunita', l-lattrini pubbliċi u l-*multi-purpose room*. Is-Sindku qal illi flus hemm ivvutati Lm30,000 u jekk inżidu l-flus tal-MEPA magħhom niġu daqs l-istima li għamlet il-Perit. Is-Sindku qal ukoll illi għandha bżonn urġenti ta` sala, fil-fatt għandna problema dwar il-post fejn is-soltu nagħmlu 'Jum il-Fontana'. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi noħorġu t-*tender* meta joħorġu l-permessi u mhux qabel u staqsa lis-Sindku fuqhiex ser joħroġ it-*tender*. Is-Sindku qal illi t-*tender* toħroġ fuq l-ewwel fażi u qed jgħid dan sabiex ma jintilifx aktar żmien. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi mhux sew illi tagħti l-offerta u ma jkollokx il-permess f`idejk. Is-Sindku qal illi l-offerta ma tiġix *awarded* qabel ma joħroġ il-permess. Huwa żied jgħid illi l-proċess tat-*tender* għandu ż-żmien tiegħu, sakemm tiġi ppubblikata hemm xahar. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa ma jaqbilx ma` dan. Huwa żied jgħid illi nassumu li aħna qed ngħidu li ser joħroġ il-permess u jkun hemm tikka li fuqha jinżamm il-permess u mbagħad trid tara x`tagħmel u x`tgħid lill-kuntrattur sabiex jistenna li jsiru l-*modifications* li jkun hemm bżonn. Is-Sindku qallu illi għandu kull dritt jgħid dan. Il-Kunsillier Lorry Apap talab illi jittieħed vot dwar dan. Is-Sindku qal illi huwa ngħata parir dwar dan sabiex ma jintilifx aktar żmien u qabel illi ngħaddu għall-vot. Il-Kunsilliera Lorry Apap u Anthony Cassar ivvutaw kontra. Il-Kunsilliera Maria Schembri favur. Il-Viċi-Sindku qal illi huwa ma jifhimx għaliex ma jafx il-proċedura u jrid jieħu parir mingħand ħutu. Is-Sindku qallu illi xi ħaġa irid jgħid, jew favur, jew kontra, jew jastjeni. Il-Kunsillier Lorry Apap qallu illi jekk irid nistennew sa darba oħra ma nieħdux vot. Huwa qal lill-Viċi-Sindku li jekk jidhirlu li għandu jieħu parir jieħdu. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Lorry Apap illi għadu kemm talab vot u issa qed jitlob biex jiġi rtirat. Il-Kunsillier Lorry Apap qal lis-Sindku għaliex għandu jastjeni jekk ma jafx. Is-Sindku tenna li d-deċiżjoni trid tittieħed f`din il-laqgħa għaliex qed jintilef ħafna żmien. Is-Sindku staqsa lill-Viċi-Sindku jekk hux ser jastjeni u dan staqsieh jistax jieħu parir. Is-Sindku ndika lill-Viċi-Sindku minn għand min għandu jieħu parir. Huwa wieġeb illi min għand ħutu jrid jieħu parir għaliex huma jifhmu fil-bini. Is-Sindku qal illi peress li l-Viċi-Sindku qed jastjeni għalhekk qegħdin tnejn bi tnejn ser juża l-*casting vote*. Is-Sindku uża l-*casting vote* favur li toħroġ l-offerta għal dan ix-xogħol, għaldaqstant ġie deċż li għandha toħroġ l-offerta għal dan ix-xogħol.

**Jum il-Fontana**

Is-Sindku qal illi l-Kappillan bagħat għalih dwar 'Jum il-Fontana' u peress li ser jaħbat mal-festa ta` Sant` Indrija ser ikun hemm il-*bazaar* fis-sala Parrokkjali fejn soltu ssir l-attivita' ta`

'Jum il-Fontana'. Għal din il-laqgħa kien preżenti s-sagristan John Theuma. Għaldaqstant is-sala mhix ser tkun disponibbli għall-Kunsill. Il-Kappillan infurmah b`dan għar-raġuni li m`għandux jerġa` jintqal id-diskors li kien sar meta din l-attivita` kienet saret Għajsielem peress li l-post ma kienx disponibbli. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li sena minnhom 'Jum il-Fontana' kien ħabat mal-festa ta` Sant`Indrija u xorta saret l-attivita' f`din is-sala fi żmien is-Sindku Valentino Cassar fl-2002. Il-Kappillan wieġeb illi għandu jinstab mezz kif il-Kunsill juża s-sala taċ-Ċentru kemm il-darba dan diġa seħħ. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara ċċekja dwar fejn sar il-programm ta` 'Jum il-Fontana' fis-snin li għaddew, rriżulta li sar tliet darbiet meta ħabat mal-festa ta` Sant`Indrija. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lill-Kappillan permess tat-telefon sabiex jara x`inhi r-risposta. Ir-risposta tal-Kappillan kienet fl-affermattiv. Għaldaqstant il-Kunsill għadda għan-nominazzjonijiet tal-premju 'Ġieħ il-Fontana'. Is-Sindku nnomina lil Mons. Albert Curmi li din is-sena għalaq ħamsin sena jqaddes u jgħinna kull meta jkun hemm bżonn, kemm fil-kuntatti tal-ġemellaġġ li kellu l-Kunsill preċedenti kif ukoll bl-artikli li jagħtina għall-fuljett. Il-Kunsillier Anthony Cassar innomina lill-Kappillan ta` kemm il-darba jaqdina f`affarijiet u jaħdem ħafna. Il-Kunsillier Lorry Apap u l-Viċi-Sindku qablu man-nominazzjoni tal-Kappillan. Il-Kunsilliera Maria Schembri qablet man-nominazzjoni li ressaq is-Sindku. Peress li kien hemm qbil ta` tliet membri tal-Kunsill fuq in-nominazzjoni tal-Kappillan, il-premju ta` 'Ġieħ il-Fontana' ser jingħata lill-Kappillan Dun George Bezzina. Is-Sindku fakkar illi l-Kappillan kien diġa ħa midalja ta` 'Ġieħ il-Fontana', għaldaqstant it-trofew irid jieħu. Is-Sindku ppropona li tingħata l-midalja ta` 'Ġieħ il-Fontana' lil Mons. Albert Curmi. Il-Kunsill qabel unanimament. Għal din l-okkażjoni s-Sindku ssuġġerixxa li ssir ħarġa għat-tfal f`Għawdex, ħarġa għall-anzjani f`Malta u ħarġa oħra għar-residenti kollha f`Għawdex. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel illi ssir quddiesa ta` ringrazzjament u wara attivita' fiċ-Ċentru Parokkjali. Il-*Gozo Youth Wind Band & Orchestra – Wind Quintet Section* ser tieħsu ħsieb il-parti mużikali tal-programm, bħala rikonoxximent għax-xiri ta` ħames leġiji. Bħala *compere'* ser tiġi mqabbda s-Sinjura Maria Farrugia u s-Sur Anġlu Farrugia ser jieħu ħsieb il-*PA System*. Il-programm/stedina ser jiġu pprintjati għand *B.C.D. Printing Ltd.* u r-ritratti jeħodhom ta` *Cordina Photo Market*. Il-Kunsill qabel li waqt is-serata fiċ-Ċentru tintwera` silta mid-*dvd* dwar il-Fontana. Wara l-programm ser isir riċeviment li ser tieħu ħsiebu s-Sinjura Pauline Portelli.

<u>Mozzjonijiet</u>

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jieħu ħsieb li tittejjeb u tisbieħ is-sistema ta` *floodlighting* tal-Knisja Parrokkjali, għaldaqstant għandhom jiġu kkuntattjati *Galea Curmi Engineering Consultants* sabiex jieħdu ħsieb li jsir dan ix-xogħol.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jieħu ħsieb jorganizza *weekend break* għar-residenti f`Malta. Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa jekk attivita' simili saritx xi darba oħra u kemm ser tiġi ras għal ras. Is-Sindku qal illi Kunsilli oħra Għawdxin għamlu attivitajiet simili u rridu nikkalkulaw xi spejjeż ser ikun hemm qabel ma tiġi organizzata. Il-Kunsill qabel.

<u>Approvazzjoni ta` kontijiet</u>

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| Siġġiewi *Brass Band* | Lm 43.75,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm 14.00,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 55.32,0 |
| *Local Councils Association* | Lm 122.00,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm 50.09,0 |
| *Koptaco Coaches* | Lm 70.80,0 |
| *Gatt Tarmac Ltd.* | Lm1464.11,0 |
| Paul Zahra | Lm 92.98,0 |
| *Agriculture Branch* | Lm 10.03,0 |
| *OASI Foundation* | Lm 50.00,0 |
| *Stencil Pave Limited* | Lm 39.18,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 11.80,0 |
| *Roses* | Lm 7.00,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 11.00,0 |
| *Office Needs* | Lm 105.60,0 |
| *Stone Quarry No. 5* | Lm 8.26,0 |
| Johanna Caruana | Lm 75.00,0 |
| Victor Atard | Lm 123.81,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 20.00,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm 27.90,0 |
| Nicky Saliba | Lm 419.19,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 77.52,0 |
| Total | Lm3497.47,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 17/2005 ġiet approvata.

**<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>**

Is-Sur Paul Farrugia ta` 30 Triq tal-Għajn talab sabiex issir bozza ġdida fi Sqaq Nru. 4 fi Triq tal-Għajn. Il-Kunsill qabel illi japplika għall-bozza ġdida fl-isqaq imsemmi.

Is-Sinjura Antonia Saliba ta` 97, Triq l-Isptar San Ġiljan talbet lill-Kunsill sabiex issir tabella ħdejn id-dar tagħha biex ma jintefax żibel. Hija talbet dan għaliex nies mhux magħrufa qed ipoġġu żibel f`dan il-post. Il-Kunsill qabel illi fil-post jagħmel tabella sabiex ma jintefax skart.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi daħal ilment illi taħt ir-*railing* minn mindu ngħata s-*sealer* beda jiżloq u hemm rampa trid titranġa. Is-Sindku qal illi huwa ċempel minn fejn inxtara s-*sealer* u staqsa x`inhi r-raġuni, u ġie nfurmat illi seta ngħata` fl-umdita. Għandu jsaqsi jekk hemmx xi *stuff* sabiex ma tibqax din il-problema. Il-ħaddiema diġa taw il-*'bleach'* fil-parti in-kwistjoni.

Il-Kunsillier Anthony Cassar qal illi hemm sinjali sofor mal-bini ta` Toni Borg li joqgħod fi Triq Santa Dminka u staqsa jekk setax jagħmilhom. Is-Sindku wieġeb illi dawn ilhom li saru mill-Kunsill u dan l-aħħar żdiedu s-sinjali fil-konfini tar-Rabat.

Is-Sindku qal illi l-Ministeru għal Għawdex permess tal-Korporazzjoni *EneMalta* rranġa d-dawl taż-*zebra crossing* fi Triq tal-Għajn, għaldaqstant twettqu l-ilmenti ta` Fr. Cini u tal-Kumitat ta` l-armar tal-Festa.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*quarterly reports* għall-perjodu April-Gunju u Lulju-Settembru 2006.
Il-Perit Ivana Farrugia ppreżentat lill-Kunsill kopja t`*addenda* li bagħtet lill-MEPA dwar l-applikazzjonijiet għall-passaġġi f`Wied Siekel u f`Għajn Tuta.
Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet għall-*workshop* li sar mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta bis-suġġett *'Road Safety Workshop – Focus on Children'*. Dan sar nhar il-Ħamis, 19 t`Ottubru 2006 fit-Tiġrija Palazz, Victoria.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-ftuħ uffiċċjali ta` l-Uffiċċju tal-*Europe Direct* f`Għawdex.
Is-Sindku attenda wkoll għall-quddiesa li saret fil-parroċċa fl-okkażjoni taż-żjara tal-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-parroċċa tagħna. F`din l-okkażjoni s-Sur Charlie Zammit f`isem il-Kumitat Organizattiv ippreżenta tifkira ta` l-okkażjoni lis-Sindku f`isem il-Kunsill Lokali. Attenda wkoll għaċ-ċerimonja ta` l-inawgurazzjoni ta` dan l-istess monument fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II li sar mill-President tar-Repubblika Dr. Edward Fenech Adami. Ċerimonja oħra saret l-għada fejn f`ċerimonja ta` l-okkażjoni diversi Sindki Għawdxin poġġew bukkett fjuri f`isem il-Kunsilli Lokali rispettivi.
Twaħħlu l-qsari tal-ġebel li kien jonqos fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Is-Sindku ppropona li jsiru tlieta oħra għal fuq il-*belvedere* tal-Għajn ta` Bendu. Dawn ikunu akbar u jiswew Lm10 il-waħda mingħand Joseph Muscat. Il-Kunsill qabel.
Tkompla jsir xogħol ta` manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill fosthom iż-żebgħa kollha tas-sinjali tat-toroq.
Tlestew ukoll il-*belisha lights* ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili mill-kuntrattur. Dawn kien ilhom ordnati minn Mejju li għadda.
Saret ukoll il-ħarġa għall-anzjani f`Malta fejn żorna l-Kappella tal-Midalja Mirakoluża fejn hemm il-fdalijiet tal-Beatu Ġorg Preca. Hawnhekk saret il-quddiesa ta` l-okkażjoni. Wara grupp żar il-monti tal-Birgu u oħrajn il-Fawwara fejn rajna l-proċess ta` l-għasir taż-żebbuġ għaż-żejt fl-Għarix ta` Żeppi. Wara ħadna kafe` u *snack* fil-Każin tas-Siġġiewi *Brass Band*. Temmejna ż-żjara tagħna għand 'Tal-Lira' u *'JB Stores'* f`Birkirkara. Attendew għal din il-ħarġa 40 persuna fosthom is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Maria Schembri. Dwar din il-ħarga s-Sinjuri Priestman li joqgħodu fi Triq Għajn Tuta bagħtu nota ta` tifħir lill-Kunsill u rringrazzjawh ta` din l-attivita'.
Saret it-tiswija mill-*Maltacom* tal-bozza tat-*telephone box*. Dan wara li l-Kunsill kien ilu jressaq dan l-ilment lill-*Head Office* tal-*Maltacom*.
Is-Sindku nforma li l-Kunsill tilef l-appell dwar il-ħajt tas-sejjieħ ta` Triq ix-Xlendi u għaldaqstant għandu jistaqsi lill-Perit Raphael Axiaq x`jiġri.

Is-Sindku qal ukoll illi saret spezzjoni għal għarrieda lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill mill-*Field Services Branch.*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret ħsara f`wiċċ Triq is-Sajjieda peress li sar drenaġġ għal *Fontanella Gardens.* Hu ppropona li jitqabbad is-Sur Paul Zahra biex isegwi x-xogħol ta` tiswija li jrid isir biex tissewwa din it-triq. Dan wara li għad irid isir xi xogħol fis-servizz ta` l-ilma. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel illi jixtri tliet bankijiet mingħand Anton Zarb għall-prezz ta` Lm92.40,0 il-wieħed u tlieta oħra mingħand Andrew Vassallo għall-prezz ta` Lm103.84,0 il-wieħed. Dawn ta` l-aħħar ser jitqiegħdu taħt ir-*railing*, l-isfel mill-Knisja.
Is-Sindku qal illi Ms. MaryRose Francica ta` *Europe Direct* infurmat lill-Kunsill bi proġett taħt il-programm *EQUAL* flimkien ma` post fil-Portugal. Il-Kunsill peress li kien talab l-għajnuna biex tkun tista` ssir safra kulturali għall-anzjani, aċċetta din l-istedina billi jkun *partner* u kkomunika permezz ta` l-*e-mail* ma` *Santa Casa da Misericordia in Campo Maior* fil-Portugal. Sa llum dawn għadhom ma wieġbux.
Is-Sindku qal ukoll li twaħħlu wkoll il-bozoz tas-sitt fanali li twaħħlu fi Trejqet ix-Xagħri u Triq Għajn Tuta. Dan sar minn George Zammit. Beda u tlesta wkoll ix-xogħol ta` restawr tal-Għajn il-Kbira minn Nicky Saliba. Dan kien jikkonsisti fi bdil tal-ġebel mikul bil-melħ li kien hemm fil-faċċata.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sur John Theuma dwar jekk il-Kunsill hux interessat li jsir it-tiżjin tal-Milied u talbu biex iressaq talba lill-Kunsill li s-Sur George Schembri hu nteressat li jarma dan it-tiżjin lill-Kunsill f`isem il-parroċċa. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa mas-Sur Schembri flimkien mal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku qal ukoll illi għandha ssir din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel.
Dwar l-iskema tat-taħwil taż-żebbuġ matul dan ix-xahar nkitbu madwar mitt siġra fl-Uffiċċju tal-Kunsill.
Is-Sindku flimkien mas-Sur Paul Zahra, *Contracts Manager*, kejlu x-xogħol tal-*patching* bil-*hot asphalt* li sar f`Awissu. Dwar l-ilment ta` Cecil Attard is-Sur Zahra qal hemmhekk hemm mandat tal-Qorti dwar ir-*roadhump* fi Triq tal-Għajn. Dwar l-ilment ta` Vella fi Triq San Martin, is-Sur Zahra hu tal-fehma li l-Kunsill ma jidħolx fi kwistjonijiet bejn il-ġirien.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bil-maltempati li għamlu fl-ewwel nofs t`Ottubru l-Għejjun imtlew darbtejn bil-ħama u tnaddfu mill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll inqalgħet it-triq fi Pjazza l-Għejjun u ġiet imsewwija bil-konkos mill-Ministeru għal Għawdex peress li hija triq arterjali. Dan sar wara li saru rapporti mill-Kunsill. Dwar is-sadd ta` l-Għajn ta` Bendu reġa` nġab il-*jetter* u xorta ma nfetħitx, għaldaqstant intalbet l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex biex ikun jista' jinfetaħ dan il-kanal ta` l-ilma li jwassal sa taħt il-*Fontana Cottage Industry.* Is-Sur Tony Borg, Kap tas-Segretarjat tal-Ministru, wiegħed li ser jieħu ħsieb li jsir dan ix-xogħol.
Dwar id-devoluzzjoni tal-kmamar tal-Pulizija lill-Kunsill, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lill-Assistent Kummissarju Paul Sammut u lis-Superintendent t`Għawdex Paul Camilleri u wegħdu l-koperazzjoni tagħhom.
Dwar il-pjanta għal xogħol ta` *belvedere* fi Triq ta` Mulejja s-Sindku nforma lill-Kunsill li lill-Perit Saliba kellmu dik il-ġurnata stess u kien għadu m`għamilx il-pjanti. Huwa nforma lill-Perit li jekk ser ikun hemm aktar dewmien il-Kunsill ma jibqalux triq oħra ħlief li jqabbad lil ħaddieħor. Il-Perit John Saliba nforma lis-Sindku li jista' jsib Perit ieħor. Il-Kunsill qabel li tiġi kkuntattjata l-Perit Ivana Farrugia u tiġi mistoqsija hix lesta li tkompli dan ix-xogħol. Din għandha tiġi avviċinata mis-Sindku.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 30 ta` Novembru 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku